MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 859/2006

**James sive Angela Coleiro (I.D. 171667(M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrent issottometta:

1. Illi l-attur twieled fil-11 ta' Marzu 1967 u gie registrat fl-att tat-twelid tieghu bhala ta' sess maskili, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok. A).

2. Illi l-attur huwa domiciljat hawn Malta.

3. Illi minn ckunitu, l-esponent kellu nklinazzjonijiet, atteggjamenti u orjentamenti femminili, kemm psikologikament kif ukoll esternament.

4. Illi ghalhekk, sabiex jehles mill-konflitti nterni ghar-rigward tal-personalitajiet tieghu l-attur issottometta ruhu ghal operazzjoni kirurgika maghrufa bhala '*gender reassignment'* fi sptar l-Ingilterra u b'hekk assuma s-sess femminili b'mod irriversabbli.

5. Illi l-artiklu 257A tal-Kap.16, jistabbilixxi illi l-attur, f'dawn ic-cirkostanzi, jista' jitlob permezz ta' citazzjoni, sabiex tigi mibdula l-annotazzjoni dwar is-sess fic-certifikat tat-twelid tieghu.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara illi l-attur assuma s-sess femminili b'mod irriversabbli kif kontemplat fl-artikolu 257A(2) tal-Kap. 16, u dan permezz ta' periti nominandi.

2. tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid ta' l-attur rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-artikolu 257A tal-Kap. 16 fis-sens illi s-sess ta' l-attur fl-istess certifikat tat-twelid jigi jaqra 'femminili'.

3. tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni wkoll fis-sens illi isem l-attur, minn James, isir jaqra Angela.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-**risposta guramentata ta' l-intimat** a fol. 24 tal-process fejn eccepixxa:

(1) Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li tingieb il-prova tad-domicilju u li James sive Angela Coleiro ma kkontrattax zwieg u dan ai termini ta’ l-Artikolu 257A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(3) Inoltre r-rikorrent ghandu jispecifika fit-talbiet tar-rikors x’qed jitlob li jigi nserit fil-kolonna tad-dettalji ntitolata ‘*Ismijiet Moghtija’* fuq l-Att tat-Twelid li ghandu n-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 1716 tas-sena 1967.

(4) Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(5) Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

(6) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar il-mertu ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha li bih gie nominat bhala espert il-Profs. Mark Brincat;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-espert imsemmi;

Semghet l-eskussjoni tieghu;

Rat in-noti tal-partijiet;

Din l-kawza hija dwar talba tar-rikorrent biex jigi dikjarat li hu assuma s-sess femminili b'mod irriversibbli u ghalhekk ghandhom isiru l-annontamenti relattivi fl-att tat-twelid tieghu.

L-intimat wiegeb li hu mhux edott mill-fatti u li hu mehtieg li tingieb prova li r-rikorrent mhux mizzewweg u li kkonforma ruhhu ma' l-artikolu 257A tal-Kap 16.

**PROVI**

Ir-rikorrenti xehed li hu minn dejjem kien ihossu differenti u eventwalment kien sab li hu *transgender* u beda jagixxi u jilbes ta' mara. Ghalhekk kien ghamel l-operazzjoni tal-gender re-assignment u bidel is-sess minn dak maskili ghal dak femminili.  Ghalkemm hu ghamel l-operazzjoni, fuq id-dokumenti bhal karta ta' identita', certifikat tat-twelid u passaport, hu baqa' jidher bhala James Coliero u dan beda jikkawzalu problemi u ghalhekk kellu jaghmel dina l-kawza. Hu kkonferma li qatt ma zzewweg la ma ragel u lanqas ma mara.

Il-Profs. Mark Brincat ikkonferma li r-rikorrent ghamel l-operazzjoni imsemmija li hija rriversibbli. Ikkonkluda li "*Her body habitus is that of a female and in my opinión she is functionally and phenotypically a female".*

Meta gie eskuss, il-Profs Brincat qal li ghalkemm vagina giet mahluqa fir-rikorrent, utru u *ovaries* ma hemmx. Pero' l-fatt li ma hemmx utru ma jfissirx li persuna ma tkunx ta' sess femminili. Lanqas il-fatt li ma jistax ikollha tfal. L-importanti huwa l-phenotype.

**Konsiderazzjonijiet**

Azzjoni ghal annotazzjoni fl-indikazzjoni ta' partikolaritajiet tas-sess kif jidhru fl-att ta' twelid, tista' ssir a bazi ta' l-artikolu 257A tal-Kap 16. Dan l-artikolu jipprovvdi li:

(1) Kull persuna mhux mizzewga li jkollha d-domicilju taghha f’Malta tista’ taghmel azzjoni gudizzjarja biex issir annotazzjoni rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess li jkunu gew assenjati lilu jew lilha fl-att ta’ twelid.

(2) Qabel taghti s-sentenza taghha, il-Qorti ghandha tinnomina periti biex jivverifikaw jekk il-persuna li tkun ghamlet l-azzjoni gudizzjarja tkunx, fil-fatt, ghaddiet minn bidla irriversibbli ta’ sess li ma jkunx dak indikat fl-att ta’ twelid jew inkella jekk kienitx dejjem tappartjeni ghal dak is-sess l-iehor.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li r-rikorrent hu domiciljat hawn Malta u mhux mizzewweg.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-espert nominat mill-Qorti l-Profs Mark Brincat li r-rikorrenti ghaddiet minn bidla irriversibbli ta’ sess li ma jkunx dak indikat fl-att ta’ twelid jew inkella jekk kienitx dejjem tappartjeni ghal dak is-sess l-iehor. Illum ir-rikorrent hu *functionally and phenotypically a female.*

Il-Qorti hi sodisfatta bil-prova li ngabet mir-rikorrenti u ma thossx li kellu jingab il-kirurgu li ghamel l-intervent.

Dwar il-preparazzjoni psikologika li saret riferenza ghaliha mill-intimat fin-nota tieghu rigward dak li xehed ir-rikorrent, il-Qortii tirrileva li ma jirrizultax mill-ligi li dina l-preparazzjoni hi xi prerekwizit.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti
tiddikjara illi r-rikorrent assuma s-sess femminili b’mod irriversabbli kif kontemplat fl-artikolu 257A(2) tal-Kap. 16,
tordna lill-intimat sabiex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid tar-rikorrent rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-artikolu 257A tal-Kap.16 fis-sens illi s-sess tar-rikorrent fl-istess certifikat tat-twelid jigi jaqra ‘femminili’.

tordna lill-intimat sabiex jaghmel annotazzjoni wkoll fis-sens illi isem r-rikorrent minn James, isir jaqra Angela fil-kolonna Ismijiet Moghtija.
Tordna li ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a termini ta' l-artikolu 254 tal-Kap 16.
Bl-ispejjjez kontra r-rikorrent[1].

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Art 257 A (5) L-ispejjez kollha li jkollhom x'jaqsmu ma' dik il-litigazzjoni inkluzi dawk li jsiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jithallsu mill-attur.